

Brussell, 25 ta' Marzu 2026
(OR. en, fr)

7430/26
ADD 1 REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0423 (COD)

CODEC 474
CLIMA 148
ENV 251
TRANS 162
MI 262

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tal-kalkolu tal-krediti tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal għall-perjodi ta' rapportar tas-snin 2025 sa 2029 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Franza talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Franza tista' tappoġġa r-reviżjoni proposta tar-regolament dwar l-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi tqal.

Madankollu, Franza ttenni d-dispjaċir tagħha li ma ġiet ipprovduta l-ebda valutazzjoni tal-impatt mal-emenda proposta ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, minkejja li r-reviżjoni proposta tbiddel b'mod sostanzjali l-funzjonament tal-mekkaniżmu għall-allokazzjoni ta' krediti ta' emissjonijiet previst fir-regolament. Franza temmen li l-ħidma teknika kienet tiġġustifika diskussjoni bir-reqqa biex tiġi eżaminata kif tista' tiġi introdotta l-flessibilità.

Franza tenfasizza li din il-proposta tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-ambizzjoni ambjentali tal-miżuri u ddgħajjed is-sinjal tas-suq favur l-eletrifikazzjoni tal-vetturi tqal. Madankollu, huwa essenzjali li jinżammu inċentivi regolatorji b'saħħithom għall-eletrifikazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-vetturi tqal. Il-manufatturi investew bil-qawwa f'dan u issa qed joffru alternattivi elettriċi għall-mudelli bil-magni tal-kombustjoni, kif ukoll magni tal-kombustjoni interna b'emissjonijiet aktar baxxi. Ninnutaw li dawn l-investimenti ppermettew lill-maġġoranza tal-manufatturi li jilħqu l-miri tar-regolament fl-2025. Għalhekk, Franza temmen li l-prijorità hija l-ħidma fuq il-kundizzjonijiet abilitanti essenzjali biex jintlaħqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni fuq terminu medju u twil u din trid tkun fil-qalba tar-rieżami tal-2027.

Malta talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Malta tixtieq tissottolinja r-restrizzjonijiet strutturali li jikkarakterizzaw is-suq tagħha tal-vetturi tqal. Bħala suq żgħir ħafna li hu kompletament dipendenti fuq l-importazzjoni u li jopera esklużivament b'vetturi li jinstaqu fuq il-lemin, Malta għandha kapaċità limitata li tinfluwenza l-ktajjen tal-provvista jew li tibbenefika minn ekonomiji ta' skala.

F'dan il-kuntest, filwaqt li tifhem il-ħtieġa li tiġi introdotta flessibbiltà mmirata għall-manifatturi, Malta tteġġeg il-monitoraġġ mill-qrib tad-disponibbiltà ta' vetturi tqal b'emissjonijiet żero fl-Istati Membri kollha u tteni l-importanza li jiġu esplorati miżuri komplementari ta' appoġġ min-naħa tad-domanda, sabiex jiġi ffaċilitat l-użu meta l-ekonomiji ta' skala jibqgħu limitati. Tali appoġġ jgħin biex jiġi żgurat li l-benefiċċji tat-tranżizzjoni jitqassmu b'mod ekwu u li l-ebda Stat Membru ma jitħalla jibqa' lura.

Malta tibqa' impenjata bis-sħiħ għall-oġettivi klimatiċi tal-Unjoni u tinsab lesta li tkompli taħdem b'mod kostruttiv mal-Kummissjoni u ma' sħab oħra biex tiżgura li t-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero tkun kemm ambizzjuża kif ukoll inklużiva.

Is-Slovakkja u ċ-Ċekja talbu li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika Ċeka jappoġġaw l-adozzjoni tar-reviżjoni mmirata tar-Regolament (UE) 2019/1242 u jirrakkomandaw l-adozzjoni rapida tiegħu mingħajr emendi ulterjuri.

Fl-istess ħin, nissottolinjaw, fejn xieraq, il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat rieżami komprensiv aktar bikri tal-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal, qabel l-iskeda ta' żmien prevista bħalissa għall-2027.
